**Regolamenti għall-kampanja elettorali għall-ħatra ta' Kap tal-Partit Nazzjonalista**

Skont l-Istatut tal-PN, il-kampanja elettorali uffiċjali tibda meta jagħlaq il-perjodu stabbilit biex jintefgħu n-nomini. Minkejja dan, il-Kummissjoni Elettorali ddeċidiet li matul dawn il-ġimgħat sakemm jitlesta l-proċess ta' verifika mill-Kummissjoni Kandidati jistgħu jsiru xi intervisti lill-kandidati prospettivi separatament, kemm fuq il-mezzi tal-media tal-Partit Nazzjonalista, kif ukoll fuq media oħra. **Tul il-kampanja elettorali uffiċjali jsiru biss intervisti fuq il-media tal-PN.**

1. Ir-regolamenti dwar l-użu tal-media f'kull każ huma dawn:
    a. Sakemm tibda l-kampanja elettorali uffiċjali:
        i. Ikun hemm opportunità għal intervisti fuq media tal-PN (skont skeda mħejjija apposta) u media oħra indipendenti kif approvat minn qabel mill-Kummissjoni Elettorali.
        ii. Media tinkludi kull 'media channel' bħal gazzetti stampati u online, televiżjoni, radju, podcasts, media socjali u kull mezz ta' komunikazzjoni tal-massa. Dan jgħodd ukoll għal opinjonijiet (opinion pieces) li jintbagħtu lill-media.
        iii. Ma jistax ikun hemm intervisti fuq media ta' partiti politiċi oħra, jew media oħra li l-Kummissjoni Elettorali ma tapprovax.
        iv. L-intervisti jridu jkunu separatament ma' kull kandidat prospettiv u mhux fil-forma ta' dibattitu. F'ebda ħin iż-żewg kandidati prospettivi m'għandhom ikunu fl-intervista fl-istess ħin.
        v. L-intervisti għandhom iservu l-iskop li jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-kandidat prospettiv li jkun qed jiġi intervistat, u l-viżjoni tiegħu għall-futur tal-Partit Nazzjonalista u m'għandha ssir ebda riferenza, la mill-kandidat prospettiv li jkun qed jiġi intervistat u lanqas mill-intervistatur, għall-kandidat l-ieħor.
        vi. Għandha ssir dikjarazzjoni fil-bidu ta' kull intervista li f'dak il-waqt dawk intervistati għadhom ma ġewx approvati bħala kandidati. F'dan l-istadju dawn huma kandidati prospettivi. Isiru kandidati uffiċjali meta jgħaddu mill-eżerċizzju ta' idoneità (suitability) u diligenza dovuta (due diligence), u allura jikkwalifikaw biex jitfgħu n-nomina. Malli jitfgħu n-nomina u tiġi aċċettata jsiru uffiċjalment kandidati.
        vii. Kull media house approvata trid tagħti l-istess opportunità liż-żewġ kandidati prospettivi, u ma tistax tagħmel intervista lil wieħed u mhux lill-ieħor.
        viii. It-tul tal-intervisti jkun indaqs għaż-żewg kandidati, kif ukoll fejn hu possibbli l-intervisti jixxandru fl-istess ġurnata wara xulxin, b'roster/polza min jiġi l-ewwel u min jiġi t-tieni. Fejn mhux possibbli li jixxandru jew jiġu ppubblikati fl-istess ġurnata, għandhom jixxandru fl-ewwel okkażjoni li jkun imiss tal-istess programm.
        ix. Jekk media house indipendenti ma tosservax dawn ir-regolamenti tiġi skwalifikata milli tingħata aktar opportunitajiet f'din il-kampanja.
        x. Kandidati prospettivi li jirċievu inviti direttament huma għal intervisti fil-media għandhom jinfurmaw minnufih lil min ikun għamel l-istedina biex jagħmel it-talba tiegħu lill-bord Media PN (permezz tal-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-PN) sabiex din tkun approvata. Meta din tkun approvata, il-media house konċernata tista' torganizza l-loġistika direttament mal-kandidat prospettiv skont dawn ir-regolamenti.

    b. Tul il-kampanja elettorali uffiċjali:
        xi. Il-kampanja elettorali uffiċjali tibda malli jagħlaq iż-żmien tan-nomini.
        xii. Matul il-kampanja elettorali uffiċjali l-kandidati għandhom jingħataw opportunità ndaqs fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista.

xiii. Matul il-kampanja elettorali ufficjali ma jistgħux isiru intervisti lill-kandidati fuq media oħra li mhix tal-Partit Nazzjonalista.

xiv. Il-bord Media PN (imwaqqaf bir-regolamenti approvati mill-Kunsill Ġenerali) ikun responsabbli mill-iskedi politiċi relatati mal-elezzjoni tal-Kap tal-PN fuq il-media tal-PN.

xv. Il-bord Media PN ikun responsabbli wkoll mill-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista. Struzzjonijiet lil dan l-uffiċċju jingħataw biss minn Media PN.

xvi. Kull kandidat se jingħata l-opportunità ta' numru ta' intervisti fuq NET TV, NET FM u l-gazzetti il-Mument u In-Nazzjon skont skeda li se titħejja apposta mill-bord Media PN

xvii. Dawn l-intervisti jsiru separatament u mhux se jkunu permessi dibattiti bejn il-kandidati fuq il-media tal-PN.

xviii. Rappreżentanti jew sostenituri tal-kandidati ma jistgħux jieħdu sehem f'intervisti jew dibattiti, la fil-media tal-PN u lanqas fil-media esterna

xix. L-ebda kandidat ma jista' jkun rappreżentat minn xi ħadd f'attivitajiet jew intervisti/programmi fil-media

xx. Kull kandidat li jirċievi xi invit biex jieħu sehem f'xi programm jew intervista barra mill-media tal-PN għandu jirrifjuta u għandu jinforma immedjatament lill-Kummissjoni Elettorali u lis-Segretarju Ġenerali tal-PN

xxi. Fir-rigward tar-rappurtaġġ fl-aħbarijiet, kull kandidat se jkollu spazju ta' minuta u nofs għal servizz f'NetNews kuljum. Dan is-servizz irid jintbagħat lest lit-Taqsima tal-Aħbarijiet u jista' jkun ikopri kull attività li jixtieq il-kandidat, sakemm din tkun marbuta mal-kampanja elettorali. Il-bord Media PN iżomm id-dritt li janalizza kull servizz mibgħut u jrid jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex dan jixxandar.

2. Ikkanvassjar

Il-Kummissjoni tfakkar li kif stipulat f'artiklu 90e tal-Istatut, membri interessati li tefgħu d-dikjarazzjoni u kwalunkwe membri oħra tal-partit bl-ebda mod ma jistgħu jikkomunikaw jew jikkanvassjaw dwar kull dikjarazzjoni ta' interess u dwar kull kandidatura ħlief skont struzzjonijiet li tistabbilixxi l-Kummissjoni Elettorali u dan taħt piena ta' dixxiplina li tista' tinkludi sospensjoni ta' sħubija jew ta' xi interess iddikjarat jew nominazzjoni.

Sakemm il-Kummissjoni Elettorali ma tiddeċidix mod ieħor, ikkanvassjar mhux permess. Malli l-Kummissjoni Elettorali tiddeċiedi li tippermetti ikkanvassjar, tghaddi lil kull kandidat lista ta' tesserati eliġibbli biex jivvutaw, flimkien mal-lista ta' dawk li jistgħu jkunu eliġibbli jekk jaġġornaw it-tesserament. Dawn il-listi jingħataw bil-kundizzjonijiet xierqa biex tiġi protteta l-privatezza tat-tesserati.

3. Attivitajiet f'każini

Kandidat li jkun se jorganizza f'każin jew uffiċċju tal-PN, attività ta' kull tip, inkluż soċjali u/jew politika, irid javża bil-quddiem lill-Kummissjoni Elettorali b'tali attività permezz ta' email fuq dan l-indirizz: kummissjonielettorali@pn.org.mt u kopja tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-PN fuq l-email admin@pn.org.mt;

a. Kull attività għandha ssir bi proporzjon ma' dawn l-elezzjonijiet u jekk jinqabeż il-livell ta' dak li jkun loġikament aċċettabbli, skont kif tiddeċiedi l-Kummissjoni Elettorali, dik l-attività tista' tiġi mwaqqfa;

b. Il-kandidat prospettiv huwa personalment responsabbli għall-attività li tiġi organizzata f'ismu, u ma jistax jiddelega din ir-responsabbiltà;

c. Il-każini u l-uffiċċji tal-Partit f'Malta u Għawdex se jkunu għad-dispożizzjoni tal-kandidati prospettivi. Il-Kumitati Sezzjonali għandhom jassiguraw li kull kandidat prospettiv jingħata l-istess facilitajiet u assistenza biex tali attività tkun tista' ssir. Il-persuna ta' kuntatt min-naħa tal-Kumitat mal-kandidat prospettiv huwa l-President tas-Sezzjoni u l-istess President irid jassigura li kull kandidat jingħata l-istess trattament u għajnuna;

d. Ebda kumitat m'għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż minn fondi tiegħu għall-attivitajiet organizzati minn kandidati prospettivi, iżda l-istess kumitat irid ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-kandidati prospettivi dawk l-assi li huma proprjetà tas-sezzjoni sa fejn ikun possibbli;

e. F'kaz ta' diffikultà, kull parti (kandidati prospettiv u/jew Kumitat Sezzjonali) għandu jirreferi bil-miktub liċ-Chairperson tal-Kummissjoni Elettorali u jikkopja lis-Segretarju Ġenerali;

f. Dawk il-Kumitati Sezzjonali li ma jimxux ma' dawn ir-regolamenti jirrendu lilhom infushom suġġetti għal dixxiplina mill-Partit skont kif jipprovdi l-Istatut.

4. Imġiba ta' kanvassers u sostenituri tal-kandidati

Il-kandidati prospettivi għandhom jassiguraw li l-kanvassers u sostenituri tagħhom iġibu ruħhom b'mod dekoruż u dinjituż u ma joħolqux inċidenti jew inkwiet bla bżonn bejn il-partitarji tal-istess partit.

Il-kandidati jinżammu responsabbli għall-aġir mhux idoneu tal-kanvassers u sostenituri tagħhom.

5. L-użu tal-media soċjali

Element mill-iktar importanti fil-ħajja tal-lum hija l-media soċjali. Bosta jfittxu pjattaformi bħal Facebook, Instagram, X (ex Twitter), TikTok, You Tube u oħrajn minn fejn jieħdu informazzjoni li tkun influwenti biex tissawwar opinjoni favur jew kontra persuna jew suġġett. Huwa għalhekk ta' importanza assoluta li l-kandidati prospettivi ma jħallux li, sakemm jiddependi minnhom, titrawwem klima ta' negattiviżmu u antagoniżmu versu l-kandidat l-ieħor.

Il-Kummissjoni Elettorali tieħu passi kif tħoss li jkun meħtieġ jekk tinqabeż il-linja tad-diċenza.

**Il-Kummissjoni Elettorali żżomm id-dritt li temenda dawn ir-regolamenti skont kif ikun meħtieġ.**

**Mario Callus,**
Chairperson,
Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data tal-PN